MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 338/2005

**Maria Dolores sive Doris Celeste (I.D. 404558).**

**vs.**

**1. Nicola Ann De Bono (I.D. 423793 (M); u**

**2. Middlesea Insurance p.l.c. (C 5553).**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta' April 2005 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi fis-26 ta’ Frar 2004 ghal xi 12.30a.m. fi Triq ix-Xatt, Pieta, l-attrici Maria Dolores *sive* Doris Celeste kienet qed issuq karozza Peugeot b’numru ta’ registrazzjoni HBA-195 meta din sfat involuta f’ incident awtomobilistiku mal-vettura Mitsubishi Pajero b’ numru ta’ registrazzjoni NIC-119 misjuqa mill-konvenuta Nicola Ann De Bono.

Illi ghall-incident imsemmi tahti l-konvenuta Nicola Ann De Bono minhabba mperizia. Negligenza, u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Illi b’konsegwenza ta’ dan l-incident l-istanti sofriet danni fuq il-vettura taghha u danni fuq il-persuna taghha u konsistenti f’ dizabbilita` permanenti u telf ta’ xoghol u spejjez ohra fosthom medici kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi s-socjeta` konvenuta Middlesea Insurance p.l.c., is-socjeta` assigurattrici tal-konvenuta, assumiet responsabbilta` ghall-hlas tad-danni sofferti mill-attrici u rrikonoxxiet li taghmel tajjeb ghal dawn id-danni konsegwenzjali ghall-incident li fih kienet involuta l-assigurata taghha u bdiet anki thallas.

Illi l-konvenuti naqsu li jhallsu d-danni li l-istanti sofriet fuq il-persuna taghha minhabba d-debilazzjoni permanenti li sofriet b’kawza ta’ l-incident.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuta Nicola Ann De Bono responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fis-26 ta’ Frar 2004 ghal xi 12.30 a.m. fi Triq ix-Xatt, Pieta, bejn il-karozza Peugeot b’ numru ta’ registrazzjoni HBA-195 misjuqa mill-attrici u l-karozza Mitsubishi Pajero b’ numru ta’ registrazzjoni NIC-119 misjuqa mill-konvenuta u dan minhabba mperizja, negligenza, u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess konvenuta;

2. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta Middlesea Insurance p.l.c., is-socjeta` assigurattrici tal-konvenuta, assumiet responsabbilta` ghall-hlas tad-danni sofferti mill-attrici u rrikonoxxiet li taghmel tajjeb ghal dawn id-danni konsegwenzjali ghall-incident fuq riferut li fih kienet involuta l-assigurata taghha.

3. Tillikwida d-danni nkluz dawk ta' debilita` permanenti sofferti mill-attrici;

4. Tikkundanna lill-konvenuti "*in solidum*" ihallsu lill-attrici l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilha *in linea* ta' danni.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-14 ta' April 2005, u bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' din c-citazzjoni, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-15 ta' Gunju 2005.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Nicola Ann De Bono u Middlesea Insurance plc datata 13 ta' Mejju 2005 a fol. 7 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici qed jigu ammessi fis-sens illi l-eccipjenti Nicola Ann De Bono tammetti illi hija kienet tahti ghall-incident *de quo,* kif, *del resto*, gie ammess ghan-nom taghha mis-socjeta` esponenti Middlesea Insurance plc, illi anke effettivament in konnessjoni mad-danni materjali sofferti mill-attrici fil-vettura taghha fl-istess incident, izda l-attrici ghandha ggib l-ahjar prova tad-danni minnha allegatament sofferti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti Nicola Ann De Bono u Middlesea Insurance plc a fol. 8 u 9 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2005 meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Ramona Frendo ghall-konvenuti u dehret l-attrici assistita minn Dr. Henry Antoncich. Il-Qorti fuq talba tal-attrici u a spejjez ta' l-istess innominat lill-kunsulent ortopediku Mr. Carmel Sciberras. Il-kawza giet differita ghas-27 ta' Jannar 2006 ghall-prezentata ta' l-affiavit tal-attrici u ghar-rapport mediku u provi *viva voce*.

Rat ir-rapport tal-Perit Mediku Mr. Carmel Sciberras prezentat fir-Registru fit-23 ta' Jannar 2006 u mahluf *seduta stante* fis-seduta ta-12 ta' Gunju 2006 liema rapport jinsab esebit fol. 69 sa 74 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2007 meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u l-attrici. Xehdet bil-gurament l-attrici in kontro-ezami. Dr. Ramona Frendo esebiet nota b'dokumenti. Dr. Frendo ddikjarat li kull ma kien baqaghlha hu biss kontro-ezami tal-Perit Mediku. Il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli u ordnatilha biex izzomm seduta wahda biex issir l-eskussjoni tal-Perit Mediku u konkluzjoni tal-provi fil-mori ta' dan id-differiment. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-12 ta' Gunju 2007.

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attrici Maria Dolores *sive* Doris Celeste datata 27 ta' Awissu 2007 a fol. 142 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva tal-konvenuti Nicola Ann De Bono u l-Middlesea Insurance p.l.c. datata 1 ta' Ottubru 2007 a fol. 151 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tal-1 ta' Novembru 2007 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Davina Cutajar ghall-konvenuti. Dr Henry Antoncich imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Dehret l-attrici. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' April 2008 u wara thalliet ghas-sentenza ghas-6 ta' Mejju 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob il-likwidazzjoni u hlas ta' danni li hija allegatament soffriet kawza tal-incident awtomobilistiku li sehh fit-24 ta' Frar 2004 fi Triq ix-Xatt, Pieta fejn l-attrici li kienet qed issuq il-vettura Reg. No. HBA – 195 kienet involuta f'kollizzjoni mal-konvenuta Nicola Ann De Bono li kienet qed issuq il-vettura Reg. No. NIC – 119.

Illi l-konvenuta ammettiet ir-responsabbilta' taghha f'dan l-incident u s-socjeta' assikurattrici konvenuta assumiet li thallas l-istess danni kemm-il darba dawn ikunu ippruvati, u b'hekk jidher car li l-kontestazzjoni hija dwar l-ammont ta' danni u din il-Qorti thoss li f'materja ta' danni, l-Qorti ghandha tara li tikkompensa lill-attur f'dak li huwa tilef minhabba l-incident, b'dan li min isofri d-danni ghandu l-oneru ta' prova ta' l-istess u l-obbligu li jimminimizza d-danni.

Illi ntant ghal dak li huwa l-likwidazzjoni ta' dak maghruf bhala *lucrum cessans* jinghad li dwar l-introjtu taghha l-attrici tghid li hija ssottomettiet applikazzjoni sabiex

tahdem ma’ Shamrock Travel f’Wales fit-2 ta’ Dicembru 2003 u wara li giet mistiedna sabiex tmur ghall-*interview* fit-30 ta’ Jannar 2004, hija tallega li fit-23 ta’ Frar 2004 hija rceviet pakkett fejn l-istess ditta nformatha li kienu accettaw l-applikazzjoni taghha fosthom il-paga ta’ stg 694 kull gimaghtejn, izda hija tghid li minhabba l-ugiegh f’dahara hija ma setax taccetta dan ix-xoghol anke peress li tallega li kawza ta’ l-incident hija ma kenitx ser tghaddi minn ezami mediku li kellha toqghod ghalih. Ghalhekk hija qed tirrikjama danni fl-ammont ibbazata fuq din il-paga ghaliex qed issostni li hija tilfet dan ix-xoghol minhabba l-incident li kellha.

Illi din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess attrici kienet ilha snin mhux impjegata u wkoll li l-attrici fid-data ta’ l-incident lanqas kienet impjegata mad-ditta ndikata minn Wales, u dan effettivament jirrizulta kkonfermat mix-xhieda tal-attrici stess.

Illi fil-verita’ lanqas jirrizulta li effettivament tali xoghol gie offrut lilha, u ineffetti l-attrici ma pproduciet l-ebda korrispondenza jew dokument li juri li hija kienet giet attwalment offruta tali mpjieg, tant li lanqas ma hemm l-ebda prova ta’ data meta l-attrici kienet ser tibda dan l-impjieg.

Illi fil-verita’ hija stess tammetti li ma kenitx giet hekk impjegata, tant li hija tghid fl-affidavit taghha li minhabba l-kondizzjoni li bdiet isofri biha hija ma kenitx ser tghaddi mill-ezami mediku li kienet ser tigi sottoposta ghalih, u allura certament li fid-data ta’ l-incident hija ma kellha l-ebda mpjieg u lanqas ebda offerta ta’ l-ebda impjieg.

Illi jekk kienx hemm stedina li saret wara l-incident din il-Qorti thoss li dan lanqas gie b’xi mod ippruvat u ghalhekk qed jigi deciz li ma ngabet l-ebda prova mill-attrici li tali xoghol fil-fatt gie offrut lilha. Barra minn hekk ladarba hija stess qed tghid li ma kenitx ser tghaddi minn dan it-test mediku, u jekk gara xi haga dan gara wara li sehh l-incident, l-attrici qatt ma tista’ tghid li kellha xi mpjieg u dan iktar u iktar *in vista* tar-rizultanzi medici ndikati mill-istess espert mediku fuq dak li rrizulta anke mill-MRI.

Illi din il-Qorti tosserva wkoll li minn imkien ma jirrizulta x'tip ta' impjieg gie offrut lilha, u ghal kemm zmien, tant li jidher li l-istess attrici lanqas esebiet xi nkartament dwar dak minnha allegat u addirittura tghid li ma kellhiex fil-pussess taghha l-original tad-dokumenti minnha esebit u fuq din il-bazi din il-Qorti thoss li lanqas gie ppruvat li l-attrici kellha xi offerta ghal tali mpjieg u allura l-allegazzjoni attrici ma tistax tigi accettata ghaliex ma ssodisfatx l-oneru ta' prova li kien jinkombi fuqha, u dan iktar u iktar meta din il-Qorti thoss li l-versjoni attrici giet moghtija b'mod ghal kollox legger u lanqas hija verosimili (P.A. (JA) - **"John Platts vs Anthony Cutajar"** - 1 ta' Novembru 2006).

Illi l-attrici tibbaza ruhha ukoll fuq ittra datata 3 ta' Frar 2005 fejn jinghad minn certu Clayton Jones ghall-istess ditta minn Wales li *"following the interview she was accepted and the package offered. We regret that she was unable to attend for work in the U.K.".* Izda din il-Qorti thoss, li apparti li l-istess dokument qatt ma gie kkonfermat bil-gurament, bl-ebda mod ma jista' jinghad li b'hekk hemm xi prova ta' xi ftehim konklussiv ta' impjieg bejn l-istess ditta u s-socjeta' attrici, b'dan li bl-istess dokument ma jistax jinghad li jista' jservi bhala xi prova li kien intlahaq xi ftehim bejnha u l-istess ditta ghall-impjieg taghha.

Illi dan huwa ferm relevanti *in vista* tal-fatt li meta l-istess ditta giet mitluba mis-socjeta' konvenuta permezz ta' ittra datata 28 ta' Novembru 2005 sabiex tibghat kopja ta' l-offerta ta' tali mpjieg lill-attrici u l-kondizzjonijiet hekk allegatament offruti, l-istess ditta estera rrifjutat li taghti tali informazzjoni; dan apparti li dak allegat mill-attrici ma jirrizultax lanqas mill-provi prodotti f'din il-kawza u dan senjatament ghaliex ma giex ippruvat kif u meta l-istess attrici giet offruta tali xoghol u wkoll il-kondizzjonijiet tal-istess u ghaliex u meta hija allegatament ma accettatx tali xoghol, provi li l-istess attrici kien oneru taghha li tipproduci.

Illi fil-fatt ebda dokument dwar dan ma gie esebit u dan huwa bazilari ghas-soluzzjoni ta’ din il-pendenza, iktar u iktar meta l-istess attrici kienet qed tippretendi kumpens ghad-danni minnha sofferti u kien hemm pendenza dwar dan mas-socjeta’ konvenuta li l-attrici kienet taf biha. Ma dan wiehed izid li Paul Aquilina, rappresentant ta’ l-ETC xehed li l-korporazzjoni bhala tkun taf min intaghzel izda f’dan il-kaz ma kellha l-ebda korrispondenza bejn l-*employer* u l-konvenuta u allura din il-Qorti thoss li ma tistax taccetta s-sottomissjoni attrici li d-danni sofferti mill-attrici ghandhom jinhadmu fuq dhul ta’ stg. 694 kull gimghatejn.

Illi saret riferenza mill-attrici ghas-sentenza **“Edward Camilleri vs Morgan Manicolo”** (JAB – 16 ta’ Frar 2005) izda din ma hijiex applikabbli ghall-kaz in ezami u dan peress li fl-ewwel lok il-kwistjoni kienet tikkoncerna l-likwidazzjoni ta’ *damnum emergens* u mhux bhal dan il-kaz likwidazzjoni ta’ *lucrum cessans,* u fit-tieni lok il-provi f’dak il-kaz kien tali li l-Qorti hasset li gie ppruvat li l-attur kellu fil-fatt impjieg fis-Sajf u dan permezz ta’ dokumenti appositi, meta f’dan il-kaz odjern tali prova ta’ impjieg certament ma saritx mill-attrici.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-attrici ghandha titqies bhala persuna li tmexxi d-dar taghha u d-dhul taghha ghandu jigi kkalkulat fuq il-bazi tal-inqas paga nazzjonali li fic-cirkostanzi fiz-zmien tal-incident kienet ta’ €125.51 (Lm53.88) (A.L. 418 tal-2003) €6526.35 (Lm2,801.76) u din is-somma ghandha tizdied mal-ghaxra fil-mija (10%) minhabba z-zidiet li jistghu jinghataw minn zmien ghal-zmien (P.A. (JRM) **“Slyvia Rosso vs Etienne Galea”** - 3 ta’ April 2003) u din twassal ghall-ammont ta’ €138.06 (Lm59.27) fil-gimgha li ghall sena jammonta ghal €7179.22 (Lm3,082.04).

Illi dwar il-persentagg ta’ disabbilita’ permanenti l-espert mediku Carmel Sciberras sostna li mill-MRI li sar fl-1 ta’ Lulju 2004 instab li l-attrici kienet qed issofri minn *“disc degenerative change at L4/5 with loss of the disc space and adjecent end plate signal alteration. There is a small amount of disc material in the right lateral recess at L5*

*with no significant intra thecal component"* u dan qal li d-degenerazzjoni li ntweriet fuq l-MRI kien hemm qabel l-incident u dan ghaliex sostna li dan l-ammont ta' degenerazzjoni ma jizviluppax f'hames xhur minn Frar sa Lulju 2004 u kkwantifika d-dizabbilita' permanenti taghha fil-grad ta' sittax fil-mija (16%). Fl-eskussjoni tieghu sostna li degenerazzjoni tal-istess kienet gja bdiet qabel l-incident izda l-attrici sostniet mieghu li hija ma kinetx thoss l-ebda sintomi u ghalhekk ikkonkluda fuq dak il-persentagg ghaliex is-sintomi bdew jinhassu wara l-incident.

Illi din il-Qorti thoss li ghalkemm tifhem dak li ssottomettew il-konvenuti f'dan ir-rigward specjalment fejn jirrizulta li l-istess espert qaghad necessarjament ukoll fuq dak li qaltlu li kienet thoss l-attrici, hija xorta ghandha taddotta din ir-rata ta' disabbilita' permanenti minnu ndikata u dan tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u mhux lanqas l-ispjegazzjoni moghtija mill-istess espert mediku, li proprju minhabba n-natura medika u specjalizzata taghha din il-Qorti ghandha toqghod fuqha, anke ghaliex il-konvenuti lanqas talbu ghan-nomina ta' periti perizjuri.

Illi l-attrici jirrizulta li kellha 45 sena fid-data ta' l-incident u ghalhekk il-multiplier ghandu jigi kkalkulat minn dak in-nhar ta' l-incident skond kif ikkonfermat fis-sentenza **"Evan Xuereb vs Vincent Spalding et"** (P.A. (JRM) 10 ta' Lulju 2003) u **"David Farrugia vs George Sammut"** (P.A. (TM) – 9 ta' Dicembru 2004 u **"Anthony Turner et vs Francis Agius et"** (A.C. – 28 ta' Novembru 2003) u fid-dawl tas-sentenzi ricenti nkuzi dawk indikati fejn jinghad li fil-kaz ta' *multiplier* il-Qorti ghandha thares lejn l-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji, u meta wiehed jikkonsidra dak li jissejhu bhala *"the chances and changes of life"* u fid-dawl ta' decizjonijiet ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited"** (P.A. (RCP) 25 ta' Jannar 2000) u **"Lizio Agius vs Bernard Grech"** (P.A. (RCP) 31 ta' Jannar 2002) ser tadopera adoperat *multiplier* ta' sittax (16)-il sena ghal *working life expectancy*. Ghalhekk illikwidat d-danni kif gej:-

- **€ 7,179.22 x 16 x 16% = €18378.80**
- **(Lm3,082.04. x 16 x 16% = Lm7,890.02)**

Illi dwar dak maghruf bhala *lump sum payment* hemm is-sentenza **"Maria Debono vs Andrew Vaswani"** (P.A. (PS) – 3 ta' Ottubru 2003) fejn inghad li:-

*"Kif gja gie manifest supra hi gurisprudenza pacifika ("***Joseph Abela –vs- Martin Spagnol***", Prim'Awla, Qorti Civili, 30 ta' Marzu 1993, fost bosta ohrajn) li ghandu jsir tnaqqis mill-persentagg (20%) biex jikkumpensa ghad-dewmien tal-proceduri gudizzjarji. Dan huwa motivat ukoll mill-fatt li ma hux sallum possibbli li jigi degretat il-hlas ta' imghax mid-data li giet ikkagunata l-hsara (vide "***Mark Caruana vs Grazio sive Horace Camilleri",*** *Prim'Awla, Qorti Civili per Imhallef Joseph Said Pullicino, 5 ta' Ottubru 1993). Fuq l-istregwa ta' din id-decizjoni il-persentagg ta' 20% ghall-lump sum payment beda jigi ridott b'rata ta' tnejn fil-mija (2%) kull sena mid-data ta' l-incident sakemm tigi finalment deciza l-kawza".* (Ara wkoll **"Concetta Brooks vs Emanuela Sare'** (P.A. – 12 ta' Gunju 1956 – Vol. XL.ii.31).

Illi ghalhekk jirrizulta li ghaddew erba' (4) snin minn meta sehh l-incident u b'riferenza ghas-sentenzi **"Angelo Galea vs Joseph D'Agostino et"** (P.A. (JSP) 16 ta' Dicembru 1996) u **"Olga Busuttil et vs Raymond Muscat"** (P.A. (GCD) 6 ta' Gunju 1997) u **"Arthur Bonello nomine et vs James Camilleri et"** (P.A. (JSP) 13 ta' Jannar 1998) u **"Darren Sammut vs Eric Zammit"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001) ladarba dan huwa l-kaz it-tnaqqis ghall-*lump sum payment* ma ghandux ikun ta' iktar minn 12% b'dan ghalhekk li l-ammont fuq indikat ghandu jinzel b' €2,205.92 (Lm947) ghall- €16,172.89 (Lm6,943.02).

Illi l-attrici qed tippretendi l-ammont ta' €10,668.53 (Lm4,580) spiza li hija ghamlet sabiex tinstalla *chairlift* fid-dar taghha, decizjoni li jidher li hadet waqt il-mori ta' din il-kawza (Dok. "CL1" datat 6 ta' Marzu 2007), bla ma kkonsultat lil hadd, u din il-Qorti thoss li ma jirrizultax li ngabet xi prova mill-attrici dwar il-bzonn ta' installazzjoni

ta' l-istess minn persuna esperta kompetenti u lanqas jidher li l-istess attrici nghatat xi parir mediku dwar l-istess. Lanqas jirrizulta n-ness ta' kazwalita' ma' l-incident in kwistjoni. Fuq kollox il-kummenti mill-espert mediku jindikaw li minhabba dak li sehh fl-incident l-attrici trid toqghod attenta kif titbaxxa u kif terfa' u ma saret l-ebda riferenza li ma tistax titla' t-tarag.

Illi l-istess attrici qed tirriklama l-ammont ulterjuri ta' €1156.60 (Lm496.53) ghaliex peress li minhabba l-incident allegatament sabet ruhha f'diffikultajiet finanzjarji hija kellha tiskonta l-polza ta' assikurazzjoni mal-Middlesea Valletta Life Assurance Company Limited b'tali telf, izda din il-Qorti thoss li ma giex ippruvat li kien dan l-incident li wassalha sabiex tiskonta din il-polza, b'dan li ma hemmx in-ness ta' kazwalita' necessarju sabiex dan l-ammont jigi milqugh, iktar u iktar meta l-attrici *ex admissis* kienet ilha snin ma tahdem u minkejja dan dejjem hallset il-*premium* dovut.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tinnota li l-ewwel zewg talbiet attrici huma ammessi mill-konvenuti, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenuta Nicola Ann De Bono responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fis-26 ta' Frar 2004 ghal xi 12.30 a.m. fi Triq ix-Xatt, Pieta, bejn il-karozza Peugeot b' numru ta' registrazzjoni HBA-195 misjuqa mill-attrici u l-karozza Mitsubishi Pajero b' numru ta' registrazzjoni NIC-119 misjuqa mill-konvenuta u dan minhabba mperizja, negligenza, u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenuta;

2. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta Middlesea Insurance p.l.c., is-socjeta` assigurattrici tal-konvenuta, assumiet responsabbilta` ghall-hlas tad-danni sofferti mill-attrici u rrikonoxxiet li taghmel tajjeb ghal dawn id-danni konsegwenzjali ghall-incident fuq riferut li fih kienet involuta l-assigurata taghha.

3. Tillikwida d-danni kollha ta' l-attrici inkluza dawk ta' disabbilita' permanenti fl-ammont ta' sittax-il elf mija u tnejn u sebghin Ewro u disgha u tmenin centenzmu (€16,172.89 = Lm6,943.02).

4. Tikkundanna lill-konvenuti *"in solidum"* sabiex ihallsu lill-attrici l-ammont ta' sittax-il elf mija u tnejn u sebghin Ewro u disgha u tmenin centenzmu (€16,172.89 = Lm6,943.02.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-14 ta' April 2005 u bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------